MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2003

Appell Civili Numru. 82/1997/1

**Carmelo u Carmen konjugi Magri**

**vs**

**Mixer Limited gja Planka Limited**

Il-Qorti,

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-atturi, wara illi ppremettew illi s-socjetà konvenuta hija debitrici versu l-atturi fis-somma ta' ghoxrin elf, erba' mija u tlieta u erbghin lira Maltin u

sebghin centezmu (Lm20,443.70) bilanc minn somma akbar rappresentanti din is-somma akbar, in kwantu ghal erbatax-il elf, mija u erba' u ghoxrin lira Maltin (Lm14,124) prezz ta' merca lilha mibjugha u kkonsenjata u in kwantu ghal ghaxart elef, tlitt mija u dsatax-il lira Maltin u sebghin centezmu (Lm10,319.70) self maghmul brevi manu; illi d-debitu huwa cert, likwidu u dovut; illi s-socjetà konvenuta m'ghandiex eccezzjonijiet x'taghti in kontra-trattazzjoni ghat-talbiet attrici u b'hekk jezistu c-cirkostanzi kontemplati fl-artikoli 167 - 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta; talbu ghaliex dik il-Qorti m'ghandhiex: 1. tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai fini ta' l-artikoli 167 - 170 tal-Kap. 12; 2. tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas lill-atturi is-somma ta' ghoxrin elf, erba' mija u tlieta u erbghin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm20,443,70); bl-ispejjez u l-imghax u l-konvenut nomine ingunt ghas-subizzjoni;

Rat il-listi tax-xhieda u tad-dokumenti relativi;

Rat id-digriet tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-wiehed u tletin (31) ta' Jannar, 1997 illi permezz tieghu s-socjetà konvenuta giet awtorizzata tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjetà konvenuta illi permezz taghha eccepiet:

1. Illi preliminarjament ma jezisti ebda rapport guridiku bejn il-partijiet;
2. Illi s-socjetà eccipjenti tehtieg il-kjamat (*sic*) fil-kawza ta' Manoel sive Wally Gaffarena ghaliex kien huwa li nnegozja ma l-atturi;
3. Illi t-talba fil-konfront tas-socjetà eccipjenti hija perenta a tenur tal-Kodici tal-Kummerc u preskritta a tenur tal-Kodici Civili;
4. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, fi kwalunkwe kaz il-fornituri ma kienux tal-kwalità patwita;
5. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, fi kwalunkwe kaz l-ammont mhux dovut ghax imhallas minn terz;
6. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjetà konvenuta, guramentata minn Sebastian Dalli, u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' April, 2000 illi permezz taghha l-Qorti ddecidiet hekk:

"Wara li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-Ewwel Domanda;

"Tilqa' t-Tieni Domanda limitatament fis-sens li tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas lill-atturi is-somma ta' dsatax-il elf, erba' mija u tlieta u erbghin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm19443.70) bl-imghax li ghandu jibda jiddekorri mid-data tan-notifika ta-socjetà konvenuta bic-citazzjoni odjerna.

"L-ispejjes jithallsu mis-socjetà konvenuta."

u dana wara illi kkunsidrat hekk:

"Illi l-atturi intavolaw din il-kawza biex jithallsu ghall-ammonti li kienu jallegaw li kellhom jiehdu minghand is-socjetà konvenuta; din is-socjetà kienet tappartjeni lil Wally Gaffarena imma in segwitu l-azzjonijiet ta' l-istess socjetà fl-1995 gew akkwistati minn Sebastian Dalli;
"Illi giet esebita kopja ta' l-iskrittura tat-trasferiment ta' dawn l-azzjonijiet liema skrittura giet redatta min-Nutar Antoine Agius u din tindika illi 'il-*liabilities* tas-socjetà Planka Limited huma dawk miftehmin bejn il-partijiet u l-komparent Dalli *nomine* jassumi r-responsabiltà taghhom'; Illi gie mressaq l-istess Nutar Agius biex jaghti xi dawl dwar dawn il-*liabilities* imma hu stqarr 'Nghid li dwar dawn jiena ma naf assolutament xejn. Ma infurmawnix x'kienu d-djun li kellu jassumi wiehed u dak li kellu jassumi l-iehor. Ma kelli ebda elenku ta' xi djun li kien hemm fil-Kumpanija'; Il-Qorti tosserva il-mod legger (almenu skond dak li jidher quddiemha) li trasferiment bhal dak sar bejn Gaffarena u Dalli. Dan ifisser li fil-valutazzjoni tal-provi il-Qorti jkollha taghti hafna piz lix-xhieda tal-protagonisti. Fl-affidavit tieghu Sebastian Dalli stqarr 'il-fatti tieghu (ta' l-

attur) huma neqsin minn kwalsiasi bazi fil-kotba tas-socjetà'; jibbaza hafna mill-asserzjonijiet tieghu fuq il-fatt li l-kotba tas-socjetà, li la kienu jindikaw is-self u lanqas xi kreditu ta' l-attur. Illi b'danakollu irrizulta pacifiku li l-attur kien ircieva hames cheques ta' elf lira (Lm1000) il wiehed, u dwar dan Dalli jistqarr li kien in restituzzjoni ta' erbat elef tmien mija u dsatax-il lira u sebghin centezmu (Lm4819.70) li l-attur 'kien ghadda lis-socjetà konvenuta'. Jigi però rilevat li ma ghamel ebda allegazzjoni li dan l-ammont ta' Lm4819 kien jirrizulta mill-kotba tal-Kumpanija u l-Qorti hi tal-fehma li 'il-kotba tal-Kumpanija' ma kienux id-dokument sagrosant li l-Ligi thares lejh b'mod privileggjat vis-à-vis dokumenti ohra; harsa lejn id-dokument ipprezentat mill-istess Dalli u li jinsab a fol 31 tal-process jikkonferma lill-Qorti il-mod fiducjarju li bih tmexxew it-trattativi u t-trasferiment tas-socjetà;

"Illi l-Qorti tosserva ukoll li ma kien hemm l-ebda raguni ghaliex is-socjetà konvenuta (skond ma qal Sebastian Dalli) baghtet cheques ghal hamest elef lira, meta l-istess Dalli kien tant cert mill-ammont li kien dovut mill[*recte* lill]-attur - hadd ma jhallas mija u tmenin lira (Lm180) zejda ghal xejn u bla ebda spjegazzjoni. Dan certament jincidi hafna fuq il-kredibilità tal-verzjoni moghtija.

"Illi d-dokument esebit mill-attur a fol 5 u 6 tal-process (li ma gie bl-ebda mod kontradett mis-socjetà konvenuta) ma jhalli ebda dubju li kien jirrifletti '*liabilities*' li l-azzjonista l-gdid kien jaf bihom; huwa prezunt (anke fid-dawl tax-xhieda li ta n-Nutar Antoine Agius) li dokument simili kien miftiehem bejn il-bejjiegh u x-xerrej; jidher car li s-socjetà kienet ukoll bdiet thallas dawn il-*liabilities* lill-attur;

"Illi l-Qorti tikkonsidra li t-tlett partiti li kellu jiehu l-attur fil-mument meta intlahaq ftehim bejn Gaffarena u Dalli dwar it-trasferiment tas-socjetà, kienu dawk riportati fl-imsemmi dokument a fol 5 u 6 u li gew immarkati b'salib ahmar wara indikazzjoni tal-Qorti. Illi s-socjetà konvenuta hallset hamest elef lira Maltin (Lm5000) permezz ta' cheques lill-attur u l-Qorti hija certa li dawn il-pagamenti saru wara li kien intlahaq ftehim definittiv bejn Gaffarena u Dalli dwar il-modalità tat-trasferiment ta' l-azzjonijiet; fl-affidavit tieghu Dalli stqarr illi ghalkemm jammetti li l-attur kellu jiehu erbat elef tmien mija u dsatax-il lira u sebghin centezmu (Lm4819.70) kienu inhargu hames cheques li

jammontaw ghal somma akbar; huwa tassew sintomatiku ghac-cirkostanzi kollha tat-trasferiment u tad-debiti dovuti lill-attur li ghalkemm Dalli jisqarr li huwa xtara x-*shares* tal-Kumpanija f'April 1995 u allura wiehed ghandu jifhem li qabel dik id-data huwa ma kienx involut fil-kumpanija, però il-hames cekkijiet imsemmija hargu kollha bil-firma tieghu ghalkemm dawn bdew jinhargu sa minn Gunju tas-sena ta' qabel.
"Illi l-Qorti wara li kkonsidrat il-provi kollha prodotti u wiznet ic-cirkostanzi xejn cari jew lineari li tressqu quddiemha, tiddeciedi li l-ammonti li l-attur kellu jiehu minghand is-socjetà konvenuta meta intlahaq ftehim dwar it-trasferiment ta' l-azzjonijiet kien dak riportat a fol 5 u 6 tal-process u li minnhom iridu jigu dedotti c-*cheques* ghal hamest elef lira (Lm5000) li Sebastian Dalli stess hareg favur l-istess attur.
"It-tlett partiti skond id-dokument a fol 6 jammontaw ghal erbgha u ghoxrin elf, erba' mija u tlieta u erbghin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm24443.70) u minnhom wara li taqta' l-ammont ta' hamest elef lira Maltin (Lm5000) jibqa' ammont bilancjali ta' dsatax-il elf, erba' mija u tlieta u erbghin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm19443.70)."

Rat ir-rikors ta' l-appell tas-socjetà konvenuta illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbet illi tigi revokata, imhassra u annullata s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi;

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' l-atturi illi biha, ghar-ragunijiet hemm esposti, issottmettew illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi, fi kliem ir-rikors ta' l-appell, l-aggravji tas-socjetà konvenuta kontra s-sentenza appellata huma s-segwenti:

a) “illi l-ewwel Qorti injorat minghajr ma pprovdiet fuq il-kjamata fil-kawza;
b) illi l-ewwel Qorti interpretat malament il-ftehim bejn il-kontendenti;
c) illi l-ewwel Qorti injorat l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni;
d) illi l-motivazzjoni tas-sentenza ta’ l-ewwel Qorti hija jew fis-sostanza jew nieqsa jew ma hi cara xejn fis-sens illi ma tat ebda piz lix-xhieda ta’ Sebastian Dalli, partikolarment ghad-dokumenti minnu esebiti”;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel aggravju tas-socjetà konvenuta huwa infondat ghaliex quddiem l-ewwel Qorti l-istess socjetà ma ghamlet ebda talba ghall-kjamata fil-kawza. Huwa veru illi fin-nota ta’ eccezzjonijiet taghha - hawn fuq riportata - is-socjetà konvenuta qalet: “… s-socjetà esponenti tehtieg il-kjamat (*sic*) fil-kawza ta’ Manoel sive Wally Gaffarena ghaliex …”, però b’daqshekk ma jistax jigi konsidrat illi s-socjetà konvenut ghamlet talba ghal kjamata fil-kawza. Inoltre, anke kieku, ghall-grazzja ta’ l-argument, kellu jigi konsidrat illi l-kliem appena citat jammonta ghal talba ghall-kjamata fil-kawza ta’ l-imsemmi Gaffarena, minn ezami ta’ dak kollu illi sar quddiem l-ewwel Qorti jirrizulta car illi s-socjetà konvenuta ma nsistietx ghal decizjoni dwar l-istess talba;

Ikkunsidrat:

Illi issa sejjer jigi trattat l-aggravju tas-socjetà konvenuta illi l-ewwel Qorti injorat l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Kif jghid tajjeb fil-paragrafu enumerat sebgha (7) tar-rikors tieghu ta’ l-appell, l-appellant nomine huwa “… konxju mill-gurisprudenza li l-Qorti tista’ tinjora jew tichad l-eccezzjoni [ta’ preskrizzjoni] jekk ma jindikax l-artikolu …”. Fil-fatt, fin-nota ta’ eccezzjonijiet taghha pprezentata quddiem l-ewwel Qorti s-socjetà konvenuta, ghalkemm issomettiet illi t-talba attrici “… hija perenta a tenur tal-Kodici tal-Kummerc u preskritta a tenur tal-Kodici Civili”, ma indikatx l-artikoli tal-ligi illi fuqhom kienet qed tibbaza din l-eccezzjoni taghha. Ghalhekk, l-aggravju in ezami tas-socjetà konvenuta qed jigi respint;

Ikkunsidrat:

Illi, però, permezz ta’ nota ta’ eccezzjonijietipprezentata quddiem dina l-Qorti fil-hmistax (15) ta’ Novembru, 2002, is-socjetà konvenuta appellanti ssottomettiet hekk:

“Illi l-esponenti teccepixxi ulterjorment f’dan l-istadju il-preskrizzjoni a tenur ta’ l-artikoli 2148(b) u 2149(a) tal-Kodici Civili”;

Illi tajjeb illi jinghad illi s-socjetà konvenuta setghet tissolleva din l-eccezzjoni quddiem dina l-Qorti ghaliex l-artikolu 2112 tal-Kodici Civili jiddisponi illi:

“L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tista’ tinghata f’kull waqt tal-kawza, imqar fl-appell.”

Ikkunsidrat:

Illi l-artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili jiddisponi hekk:

“L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ tmintax-il xahar:
(a) …;
(b) l-azzjonijiet ta’ kredituri ghall-prezz ta’ merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli, mibjugha bl-imnut;”
filwaqt illi *ai termini* ta’ l-artikolu 2149(a) ta’ l-istess kodici:

“L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ sentejn:
(a) l-azzjonijiet tal-bennejja ta’ bastimenti jew bcejjec ohra tal-bahar, u tal-kuntratturi ta’ bini iehor jew ta’ xogholijiet ohra ta’ l-injam, gebel, jew materjal iehor, ghall-opri mahdumin minnhom jew ghall-materjal li jfornu;”

Ikkunsidrat:

Illi parti sostanzjali mill-ammont li tieghu l-atturi qed jitolbu l-hlas minghand is-socjetà konvenuta permezz ta’ l-azzjoni odjerna tirreferi ghal <u>flus</u> - ghaxart elef, tliet mija u

dsatax-il lira u sebghin centezmu (Lm10319.70) - allegatament mislufa lill-istess socjetà. L-azzjoni attrici ghar-radd lura ta' dan l-allegat self ma tista' b'ebda mod tigi konsidrata bhala wahda mill-azzjonijiet kontemplati mill-artikolu 2148(b) u 2149(a) tal-Kodici Civili;

Illi l-parti l-ohra mill-ammont reklamat mill-atturi permezz ta' l-azzjoni odjerna tirrigwarda l-prezz ta' materjal tal-bini allegatament mibjugh u konsenjat mill-atturi lis-socjetà konvenuta. Mill-provi prodotti ma jirrizultax illi l-attur - u wisq anqas martu, l-attrici - huwa wiehed mill-persuni imsemmija fl-artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili. Konsegwentement, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni attrici, *ai termini* ta' dan l-artikolu appena citat, kwantu tirrigwarda l-prezz ta' l-imsemmi materjal tal-bini, mhix sostenibbli;

Illi ma hemmx dubbju illi l-materjal tal-bini supplit mill-atturi lis-socjetà konvenuta kien intiz sabiex din ta' l-ahhar tuzah in konnessjoni man-negozju illi hija tiggestixxi. F'dan il-kuntest, mhux koncepibbli illi l-bejgh relativ sar bl-imnut u, ghalhekk, l-azzjoni attrici ghall-kundanna tas-socjetà konvenuta sabiex thallas il-prezz - jew ahjar, il-bilanc tal-prezz - ta' dan il-materjal mhix kolpita mill-preskrizzjoni kontemplata mill-artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili;

Ikkunsidrat:

Illi t-tieni (2) aggravju tas-socjetà konvenuta huwa "illi l-ewwel Qorti interpretat malament il-ftehim bejn il-kontendenti". Kemm minn dak illi jinghad fil-paragrafu enumerat sitta (6) tar-rikors ta' appell u kemm mill-provi prodotti jirrizulta illi dak illi, fl-aggravju in konsiderazzjoni, is-socjetà konvenuta ssejjah "ftehim bejn il-kontendenti" hija l-iskrittura illi kopja legali taghha tinsab esibita a fol. 52 u 53 tal-process u hija markata "AA1". Din l-iskrittura saret bejn ix-xhud Emanuel sive Wally Gaffarena u bejn Sebastian Dalli u l-atturi ma ppartecipaw b'ebda mod fiha. Ghalhekk, fil-konfront ta' l-atturi din l-iskrittura hija *res inter alios acta* u ma tistax tigi konsidrata illi tikkostitwixxi xi

"ftehim bejn il-kontendenti". Konsegwentement, it-tieni (2) aggravju tas-socjetà konvenuta huwa infondat;

Ikkunsidrat:

Illi r-raba' (4) u l-ahhar aggravju tas-socjetà konvenuta, hawn fuq riprodott, jammonta ghal sottomissjoni illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi prodotti. Huwa pacifiku illi Qorti fi grad ta' appell ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi maghmul minn Qorti ta' l-ewwel grad sakemm ma jirrizultawliex ragunijiet serji sabiex tiddipartixxi minn tali apprezzament. Fil-fehma ta' dina l-Qorti, fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament akkurat ta' l-assjem tal-provi prodotti. Hija sabet illi l-verzjoni tal-fatti illi temergi mill-provi prodotti mis-socjetà konvenuta, b'mod specjali mid-depozizzjoni tax-xhud Sebastian Dalli, mhix attendibbli, u qaghdet fuq il-provi prodotti mill-atturi. Wara illi ezaminat il-provi kollha prodotti, dina l-Qorti tasal ghall-konkluzjoni illi l-apprezzament ta' dawn il-provi maghmul mill-ewwel Qorti huwa korrett u ineccepibbli. Ghalhekk, anqas l-aggravju in ezami tas-socjetà konvenuta ma jista' jigi akkolt;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tichdu u billi tikkonferma s-sentenza appellata;

Tordna illi l-ispejjes ta' din l-istanza jigu sopportati kollha mis-socjetà konvenuta appellanti.

-------------------------------TMIEM-------------------------------